**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 27 ta' Mejju 2019**

**Talba Nru: 26/19 CZ**

**C. Camilleri & Sons Catering Limited (C 32922)**

**vs**

**Dorita Baldacchino**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fl-14 ta' Frar 2019 u li permezz taghha premettiet:

Illi l-intimata ghandha tigi kkundanata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn u Euro u tliet centezmi (€2,001.03) rapprezentanti ammont dovut minnha ghal servizzi rezi u fornituri maghmula milha fis-6 ta' Novembru 2016 ghall-funzjoni tal-Grizma f'Olive Gardens u dan kif jirrizulta ahjar mill-istatement anness bhala Dok. A.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali taht l-Art. 166A numru 1109/2018, u bl-interessi legali sal-hlas effettiv.

L-intimata hija minn issa ingunta in subizzjoni.

Illi f’din il-kawza s-socjeta’ konvenuta hija fi stat ta’ kontumacja.

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Sema’ x-xiehda;

Sema’ t-trattazzjoni ta’ l-abbli avukat difensur tas-socjeta’ attrici;

Ra li l-konvenuta inghatat zmien sabiex taghmel is-sottomissjonijiet taghha bil-miktub, izda naqset li taghmel dan.

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

It-Tribunal qies ix-xiehda ta' Mark De Gray.

Ikkunsidra:

Illi l-kawza titratta dwar somma li s-socjeta' attrici qed titlob minghand il-konvenuta dovuta ghal kiri ta' sala u servizzi ta' festin u servizzi affini li nghataw fis-6 ta' Novembru 2016.

Illi x-xhud Mark De Gray, rapprezentant tas-socjeta' attrici, esebixxa diversi dokumenti, li juru l-ikel li ordnat il-konvenuta, il-kuntratt li gie ffirmat bejn il-partijiet, u risposta tal-konvenuta ghal ittra legali li kienet baghtet is-socjeta' attrici. Il-konvenuta diga' hallset parti mill-prezz dovut ghal dan il-festin, u dan ghaliex qabel l-istess festin kienet hallset mitejn Euro (€200) u hames mitt Euro (€500) ohra bhala depozitu, kif ukoll hallset hames mitt Euro (€500) ohra meta rceviet l-ittra legali minghand is-socjeta' attrici. Fl-ittra li baghtet lill-konsulent legali tas-socjeta' attrici, il-konvenuta tallega li ma nghatatx servizz tajjeb kif ukoll illi ma rcevietx invoice. Dan ma gie konfermat minn ebda prova fl-atti ta' din il-kawza. Anzi ghall-kuntrarju, gie pruvat illi l-konvenuta kienet iffirmat kuntratt li fih kien hemm indikat il-prezz tal-kirja tas-sala kif ukoll kellha lista tal-affarijiet tal-ikel li ordnat hi stess. Iktar minn hekk, is-socjeta' attrici baghtet anke e-mails biex tfakkarha fil-hlas li kien ghadu ma sarx, e-mails li l-konvenuta rrikonoxxiet li rceviet fl-ittra taghha tat-30 ta' Jannar 2018.

Illi mix-xiehda prodotta u mid-dokumenti esebiti t-Tribunal jista' jasal ghall-konkluzjoni li l-bilanc tal-prezz ghas-servizzi moghtija mis-socjeta' attrici huwa tabilhaqq dovut, u l-konvenuta ma offriet l-ebda raguni valida ghalfejn m'ghandux isir il-hlas.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici, bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez kif mitluba jithallsu kollha mill-konvenuta.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur